Il-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:-

Sas-2.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Frar, 2005, fil-kaxxa ta' l-offerti fit-Taqsima ta' l-*Accounts*, Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, fil-Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat, Għawdex, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 2/2005. Provvista u tqegħid ta' *scaffolding* fit-Tempji tal-Ġgantija, ix-Xagħra, Għawdex.

Avviż Nru. 3/2005. Xogħol ta' restawr fit-Tempji tal-Ġgantija, ix-Xagħra, Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta li jinġabar.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kondizzjonijiet relativi u dokumenti oħr, jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts*, Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat, Għawdex, f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-28 ta' Jannar, 2005

MINISTRY FOR GOZO

The Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Accounts Section, Department for Corporate Services, Ministry for Gozo, Victoria, Gozo, up to 2.00 p.m. of Friday, 18th February, 2005, for:-

Advt No. 2/2005. Supply and installation of scaffolding at Ġgantija Temples, Xagħra, Gozo.

Advt. No. 3/2005. Restoration works at Ġgantija Temples, Xagħra, Gozo.

A fee of Lm25 is to be paid on collection of each tender document.

Tenders should be drawn out only on the prescribed forms which, together with the relative conditions and other documents, can be obtained from the Accounts Section, Department of Corporate Services, Ministry for Gozo, Victoria, Gozo, on any working day during office hours.

28th January, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Talba għal Sottomossjoni ta' Kotba ta' l-Istorja għall-*Forms* 3 sa 5

Id-Dipartiment tal-Kurrikulu fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni bi ħsiebu jintroduċi ktieb ta' l-Istorja għall-klassijiet ta' minn *Forms* 3 sa 5 li jagħżlu l-Istorja bħala *Option*.

Id-Direttur tal-Kurrikulu qiegħed jistieden lill-awturi, distributuri tal-kotba u lil dawk involuti f'dan il-qasam biex jibagħtu kopja/i ta' kotba relevanti ta' l-istorja għal skop ta' evalwazzjoni. Il-kotba mibgħuta għandhom ikunu bil-prezz ikkwotat magħhom.

Linji Gwida

Il-kotba għandhom jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet:

1. Ikunu konformi mal-prinċipji, l-għanijiet u l-linji gwida ġenerali tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali.

2. Ikunu konformi ma' l-għanijiet tas-sillabu ta' l-Istorja (Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, Malta) u s-sillabu tas-SEC. (Università ta' Malta). Kopji tas-sillabu ta' l-istorja (Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni) jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Konsumatur, Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana.

3. Ikunu jew bl-Ingliż jew bil-Malti.

4. Jittrattaw dwar l-istorja ta' Malta matul is-seklu dsatax u/jew is-seklu għoxrin.

5. Jipprovdu stampa politika, soċjali, ekonomika u kulturali ta' Malta matul il-perijodu li jkun qiegħed jiġi trattat.

6. Ikunu adattati għal ħiliet u kompetenzi varji ta' l-istudenti ta' l-etajiet ta' bejn l-erbatax u s-sittax-il sena.

7. Jinkludu l-aħħar riċerka fuq it-temi li jidhru fis-sillabu tas-SEC u s-sillabu ta' l-Istorja (Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, Malta)

Il-kotba għandhom jiġu sottomessi sa nofsinhar tat-Tlieta, l-1 ta' Marzu, 2005, u għandhom jintbagħtu lil:-

Bord ta' l-Għażla tal-Kotba,
Ċentru tal-Kurrikulu,
Il-Mall,
Il-Furjana

Il-kotba sottomessi jiġu rritornati lil min ikun għamel is-sottomissjoni fi żmien raġġonevoli.

It-28 ta' Jannar, 2005

EDUCATION DIVISION

Call for Submission of History Textbooks for Forms 3 to 5

The Curriculum Department within the Education Division intends to procure a textbook for the History (Option) classes in Forms 3 to 5.

The Director of the Curriculum Department invites authors, book distributors and publishers to submit a copy/copies of any relevant history textbooks for evaluation purposes. The books submitted for review under this call should be accompanied by a quotation covering quantity price.

Guidelines

The books submitted for review must satisfy the following criteria:

1. Be in conformity with the principles, objectives and general guidelines of the National Minimum Curriculum.

2. Be in conformity with the aims and objectives of the History Syllabus (Education Division, Malta) and the SEC. History Syllabus (University of Malta). Copies of the History Syllabus (Education Division, Malta) may be obtained from the Customer Care Unit, Education Division, Floriana.

3. Be either in English or in Maltese.

4. Deal with the history of Malta during the 19th and/or 20th century.

5. Provide a political, social, economic and cultural picture of Malta during the period under review.

6. Be suitable to the various skills and competencies of the students within the 14 to 16 age group.

7. Include the latest research about the topics listed in the SEC syllabus and the History syllabus (Education Division, Malta).

Books are to be submitted for review by noon of Tuesday, 1st March, 2005, and addressed to:-

The Textbook Selection Board,
The Curriculum Centre,
The Mall,
Floriana

All the submitted material will be returned to the supplier/s within a reasonable period.

28th January, 2005

KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Għargħur jgħarraf illi:-

Sas-6.30 p.m. ta' nhar it-Tlieta, il-15 ta' Frar 2005, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Għargħur jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin, għal:-

Kwot. Nru. Q-05/01-24. Tindif u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi kif ukoll il-ftuħ u l-għeluq ta' Ġnien il-Paċi.

Id-dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 13, Triq San Bartilmew, Għargħur, waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju. Il-kwotazzjonijiet jinfetħu fil-pubbliku fil-ħin u d-data ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-28 ta' Jannar, 2005

GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

The Executive Secretary of the Għargħur Local Council notifies that:-

Sealed quotations will be received at the Għargħur Local Council office up to 6.30 p.m. of Tuesday, 15th February, 2005, for:-

Quot. No. Q-05/01-24. Cleaning and maintenance of public conveniences and the opening and closing of Ġnien il-Paċi Public Gardens.

Relevant documents may be collected from the Council's Administrative Office, during office hours. Quotations will be opened in public on the time and closing date.

The Council reserves the right to refuse all quotations, even the most advantageous one.

28th January, 2005

KUNSILL LOKALI LUQA

Il-Kunsill Lokali Luqa jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Frar, 2005, fil-kaxxa ta' l-offerti apposta tal-Kunsill, 49, Triq San Pawl, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. KLL/T/01/05. Kisi mill-ġdid u ċċangar ta' toroq.

Kopji tad-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill matul il-ħin ta' l-uffiċċju fuq ħlas ta' Lm20.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku minnufih fid-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-28 ta' Jannar, 2005

LUQA LOCAL COUNCIL

The Luqa Local Council notifies that:-

Sealed tenders are to be deposited in the appropriate tender box at the Council, 49, Triq San Pawl, Luqa, by not later than noon of Friday, 18th February, 2005, for:-

Advt. No. LLC/T/01/05. Resurfacing and paving of roads.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Council's Administrative Office during office hours against a payment of Lm20.

Tenders will be opened immediately in public on the closing date and time.

The Council reserves the right to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

28th January, 2005

KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN

Il-Kunsill Lokali San Ġwann jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Frar 2005, fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Ġwann jintlaqgħu offerti magħluqin, immarkati bir-riferenza rilevanti, għal:-

Avviż Nru. SGNLC/T/001/05. Xiri ta' mitt litter bin inkluż it-twaħħil.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. SGNLC/T/002/05. Servizz minn *bowser* ta' l-ilma biex jissaqqew regolarment ġonna u *soft areas*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. SGNLC/T/003/05. Tindif u manutenzjoni ta' *parks* u ġonna.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. SGNLC/T/004/05. Knis u tindif tat-toroq f'Żona A.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. SGNLC/T/005/05. Knis u tindif tat-toroq f'Żona B.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. SGNLC/T/006/05. Knis u tindif tat-toroq f'Żona Ċ.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju. L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fil-ħin u d-data ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-28 ta' Jannar, 2005

SAN ĠWANN LOCAL COUNCIL

San Ġwann Local Council notifies that:-

Sealed tenders marked with the relevant references will be received at the Council 's administrative office up to noon of Friday, 11th February, 2005, for:-

Advt No. SGNLC/T/001/05. Purchase of 100 litter bins installation included.

A fee of Lm5 will be charged for every tender document

Advt No. SGNLC/T/002/05. Service of water bowser for regular watering of gardens and soft areas.

A fee of Lm5 will be charged for every tender document

Advt No SGNLC/T/003/05. Cleaning and maintenance of parks and gardens.

A fee of Lm10 will be charged for every tender document

Advt No. SGNLC/T/004/05. Sweeping and cleaning of streets at Zone A.

A fee of Lm10 will be charged for every tender document

Advt No. SGNLC/T/005/05. Sweeping and cleaning of streets at Zone B.

A fee of Lm10 will be charged for every tender document

Advt No. SGNLC/T/006/05. Sweeping and cleaning of streets at Zone C.

A fee of Lm10 will be charged for every tender document

Relevant documents may be collected from the Council's Administrative Office, during office hours. Tenders will be opened in public on the time and closing date.

The Council reserves the right to refuse all tenders, even the most advantageous one.

28th January, 2005

KUNSILL LOKALI DINGLI

Il-Kunsill Lokali Dingli jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, it-28 ta' Frar, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. DLC/1/05. Bini ta' ġnien pubbliku.

Id-data ta' meta jintlaqgħu l-offerti ta' dan l-Avviż ġiet estiża.

Kopji tad-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali fi 2, Misraħ Ġużè Abela, Ħad-Dingli (Tel: 21 456 060) bejn it-8.00 a.m. u l-11.00 a.m.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-28 ta' Jannar, 2005

DINGLI LOCAL COUNCIL

The Dingli Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 11.00 a.m. of Monday, 28th February, 2005, for:-

Advt. No.DLC/1/05. Construction of a public garden

The closing date for tenders of this Advt. has been extended.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Local's Council's office, 2, Misraħ Ġużè Abela, Dingli (Tel: 21 456 060) from 8.00 a.m. to 11.00 a.m.

A fee of Lm30 will be charged for every copy of tender document.

The Council reserves the right to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

28th January, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – COURT NOTICES

166

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Ottubru 2004 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

KNK Air Conditioners Co Ltd ta' Pimpernel, Constitution Street, Mosta, ippreżenta talba fit-2 ta' Novembru 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Feros Company Limited ta' New Breed Club, Pioneer Road, Buġibba, iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u disa' mitt lira Maltija (Lm1,900) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 277/04MM) hija differita għall-31 ta' Jannar 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 20 ta' Jannar 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 4th October 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

KNK Air Conditioners Co Ltd of Pimpernel, Constitution Street, Mosta filed a Claim on the 2nd November 2004, whereby he asked the Tribunal to condemn Feros Company Limited of New Breed Club, Pioneer Road, Buġibba, to pay the plaintiff company the sum of one thousand and nine hundred Maltese liri (Lm1,900) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interes.

The cause (Notice Number 277/04 MM) is put off to the 31st January 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 20th January 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

167

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Diċembru 2003 fl-atti tal-kawża Ċit. Numru 578/03 JRM, Lombard Bank Malta plc vs Vanessa Mizzi et ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Lombard Bank Malta plc ippreżentaw ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Ġunju 2003 kontra Vanessa Mizzi bħala debitriċi prinċipali u Charles Mizzi bħala garanti solidali fejn talbu l-konvenuti jgħidu għaliex għar-raġunijiet premessi m'għandhomx minn din l-Onorabbli Qorti:

1. Jiġu kollha solidalment ikkundannati sabiex iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' ħamest elef lira Maltin (Lm5,000).

2. Tigi Vanessa Mizzi kkundannata sabiex tħallas lill-Bank attur il-bilanċ ta' elfejn, mitejn tlieta u sebgħin liri Maltin, tlieta u għoxrin ċenteżmi (Lm2,273.23).

U dan oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kollha, u bl-imgħaxijiet legali kif jingħad fiċ-ċitazzjoni kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa għas-subizzjoni tagħhom.

Konvenuti: 1) Vanessa Mizzi, 11, Flat 5, Windmill Street, Valletta VLT 11

2) Charles Mizzi, 4, Windmill Street, Valletta VLT 11.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 578/2003 JRM, fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc vs Mizzi Vanessa et ġiet differita għall-15 ta' Marzu 2005, fid- 9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 26 ta' Jannar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 19th December 2003 in the records of the cause 578/03 JRM, Lombard Bank Malta plc vs Vanessa Mizzi et ordered the following publication for the purpose of service of the defendants in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Lombard Bank Malta plc filed a writ of summons in the First Hall of the Civil Court on the 10th June 2003 against Vanessa Mizzi as principal debtor and Charles Mizzi as surety in solidum whereby they asked the defendants to state why for the reasons premised they should not by this Honourable Court:

1. The defendants be condemned in solidum to pay the plaintiff Bank the sum of five thousand Malta liri (Lm5,000).

2. The defendant Vanessa Mizzi be condemned to pay the plaintiff Bank the balance of two thousand, two hundred and seventy three Maltese Liri, twenty three cents (Lm2,273.23).

And this besides further interest from the sixth (6) of June of the year two thousand and three (2003) till the date of effective payment.

With all the costs, and legal interests as stated in the writ of summons against the defendants who are summoned so that a reference to their oath be made.

Defendants: 1) Vanessa Mizzi, 11, Flat 5, Windmill Street, Valletta VLT 11

2) Charles Mizzi, 4, Windmill Street, Valletta VLT 11.

The case Writ of Summons Number 578/2003 JRM, in the names Lombard Bank Malta plc vs Mizzi Vanessa et has been put off the 15th March 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 26th January 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

168

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim' Awla permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Diċembru 2004 fl-atti tal-kawża Ċtazzjoni Numru 812/2004 JRM, fl-ismijiet Maxi Quartz Ltd versus BAM Ltd ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12.

Maxi Quartz Limited ippreżentaw Ċitazzjoni fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru 2004, kontra BAM Limited, fejn talbu s-soċjetà konvenuta għaliex għar-raġunijiet premessi:

1. M'għandhiex din il-Qorti tagħti sentenza u tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi bla ma tgħaddi għas-smigħ tal-kawża kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u

2. Hekk tikkundanna minnufih lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħamest elef ħames mija tmienja u erbgħin Lira Maltija u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm5,548.46) hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar 'il fuq.

Bl-imgħax legali mid-data ta' kull fattura sal-ġurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-14 ta' Ġunju 2004 kontra s-soċjetà konvenuta li minn issa r-rappreżentanti tagħha huma inġunti għas-subizzjoni.

Soċjetà Konvenuta: 100, Eucharistic Congress Street, Mosta.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 812/04 JRM, fl-ismijiet Maxi Quatrz Limited versus Bam Limited ġiet differita għan-notifika għall-24 ta' Frar 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Jannar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 31st December 2004 in the records of the Writ of Summons Number 812/2004 JRM, in the names Maxi Quartz Ltd versus Bam Ltd ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company in terms of Article 187(5) of Chapter 12.

Maxi Quartz Limited filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court on the 26th October 2004, against BAM Limited, whereby they asked the defendant company why for the reasons premised:

1. This Court should not give judgment and uphold the demand of the plaintiff company without proceeding to a hearing of the case as provided in articles 167-170 of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12 of the Laws of Malta) and

2. Immediately condemn the defendant company to pay the plaintiff company the sum of five thousand five hundred and forty eight Maltese Liri and forty six cents (Lm5,548.46) above mentioned and due as above stated.

With legal interest from the date of each invoice till the date of effective payment and costs including those of the interpellatory letter of the 14th June 2004 against the defendant company whose representatives are from now summoned so that a reference to their oath be made.

Defendant Company: 100, Eucharistic Congress Street, Mosta.

The cause Writ of Summons Number 812/04 JRM, in the names Maxi Quartz Limited versus Bam Limited was put off for service to the 24th February 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 26th January 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

169

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Jannar 2005 fl-atti tar-rikors Numru 885/04 FS ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru 2004, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs Vivienne Limited (C 16197), is-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. kif rappreżentata mill-P.L. Joseph Zammit li espona u kkonferma bil-ġurament;

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 29 ta' Jannar 1999 in atti Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius (Dok. 'A') is-soċjetà intimata kkostitwiet ruħha vera, ċerta u likwida debitriċi tas-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. fis-somma ta' mija u erbatax-il elf, disa' mija u disgħin Lira Maltija (Lm114,990.00) oltre l-imgħaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv u liema kuntratt ġie reż eżegwibbli permezz ta' ittra uffiċjali datata 4 ta' Diċembru 2000, li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u markata bħala dokument 'B'.

Illi għaddew aktar minn ħames (5) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jiġi eżegwit u d-debitu tas-soċ jetà intimata għadu ma tħallasx u għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha teżegwixxi l-kuntratt datat 29 ta' Jannar 1999 in atti Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius (Dok. 'A') fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta' mija u sebgħa u sittin elf, mitejn u ħamsa u ħamsin Lira Maltija u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm167,255.85) flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà intimata.

Intimata: Vivienne Limited
37/1, Tignè Sea Front, Sliema.

B'Avviż għas-smigħ ta' kawża li ħareġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri it-Tlieta, 21 ta' Diċembru 2004, ir-rikors numru 885/2004 FS, fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C2833) vs Vivienne Limited (C 16197) ġie appuntat għas-smigħ għall-Ħamis, it-3 ta' Frar 2005, fid-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 25 ta' Jannar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 20th January 2005 in the records of the application Number 885/04 FS ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the First Hall Civil Court on the 15th November 2004, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs Vivienne Limited (c 16197), the company Bank of Valletta p.l.c. as represented by L.P.Joseph Zammit who pleaded and confirmed under oath;

That in virtue of a contract of constitution of debt dated 29th January 1999 in the records of Notary Dr. Joseph Vassallo Agius (Doc. 'A') the respondent company constituted itself, a true certain and liquid debtor of the company Bank of Valletta p.l.c. in the sum of one hundred and fourteen thousand nine hundred and ninety nine Maltese liri (Lm114,990.00) besides further interests till the date of effective payment and which contract was rendered executable by means of a judicial letter dated 4th December 2000, a copy of which is herein exhibited and marked document 'B'.

That more than five (5) years elapsed from when the contract could have been executed and the debt of the respondent company has not yet been paid and thus this application had to be made.

Thus the applicant company humbly prays that this Honourable Court authorizes her to execute the contract dated 29th January 1999 in the records of Notary Dr. Joseph Vassallo Agius (Doc. 'A') in the names above mentioned in order to obtain the payment of one hundred and sixty seven thousand two hundred and fifty five Maltese Liri and eighty five cents (Lm167,255.85) together with further interest from the 1st October 2004 till the date of effective payment, with costs against the respondent company.

Respondent: Vivienne Limited
37/1, Tignè Sea Front, Sliema.

By a Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts, on Tuesday 21st December 2004, the application number 885/2004 FS, in the names Bank of Valletta plc (C2833) vs Vivienne Limited (C 16197) was appointed for hearing on Thursday, 3rd February 2005, at 9.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today, 25th January 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

170

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim' Awla permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Diċembru 2004, fl-atti tar-rikors L & D Attard Limited versus Avukat Ġenerali et, rikors numru 25/2003 NC, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika, fil-konfront ta' Giorgia Spagnol a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Kostituzzjonali ppreżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Awissu 2003, mis-soċjetà kummerċjali L & D Attard Co. Limited fl-ismijiet L & D Attard Limited vs Avukat Ġenerali u d-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali u Giorgia Spagnol għal kull interess li jista' jkollha, is-soċjetà rikorrenti esponiet bir-rispett;

1. Illi sussegwentement għall-ittra datata 15 ta' Marzu 1979 ta' konsulent legali għan-nom ta' ċertu Lawrence Spagnol, illum mejjet, inħarġet ordni ta' rekwiżizzjoni numru 41767 fuq il-fond 9, Triq Alessio Erardi, Ħaż-Żabbar;

2. Illi s-soċjetà rikorrenti saret proprjetarja ta' dan il-fond permezz ta' kuntratt tas-26 ta' Mejju 1998 in atti Nutar Victor John Bisazza;

3. Illi l-esponenti permezz ta' kawża fl-ismijiet Lawrence Attard u Disma Attard għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà L & D Attard Limited vs Direttur ta' l-Allokazzjonijiet Soċjali u b'digriet fis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2001 il-kelma Allokazzjonijiet ġiet korretta bil-kelma Akkomodazzjoni u Giorgia Spagnol għal kull interess li jista' jkollha (Ċitazz. Nru. 112/94NA) l-esponenti talbu derequisition order ta' l-imsemmija u l-likwidazzjoni tad-danni iżda dawn it-talbiet ġew miċħuda b'sentenza mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2001;

4. Illi l-post in kwistjoni ilu mill-1979 f'idejn id-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali u f'ebda mument ma thallas xi forma ta' kumpens jew ġie offert dan lis-soċjetà rikorrenti;

5. Illi l-esponenti thoss li dan huwa effettivament forma oħra ta' esproprijazzjoni temporanja ta' art li hija tagħha u għalhekk għandha tiġi adegwatament kompensata għal dan l-aġir billi tali ordni illum qiegħed jimpedixxi lis-soċjetà rikorrenti milli tbiegħha lil terzi persuni.

Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti li jiġi dikjarat u deċiż li d-drittijiet fundamentali tagħha kif emendati fl-ewwel protocol tal-Konvenzjoni Ewropea ġew leżi u sussegwentement li jiġi stabbilit il-kumpens xieraq u adekwat li għandu jiġi lilha likwidat in vista ta' dana l-ordni ta' rekwiżizzjoni numru 41767 li jammonta fil-każ odjern għall-esproprjazzjoni temporanja.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 10th December 2004, in the records of the application L & D Attard Limited versus Attorney General et, application number 25/2003 NC, ordered the following publication for the purpose of service of Giorgia Spagnol in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Constitutional Application filed in the First Hall Civil Court on the 18th August 2003, by the commercial company L & D Attard Co. Limited; in the names L & D Attard vs Attorney General and the Director of Social Accommodation and Giorgina Spagnol for any interest she may have, the applicant company pleaded with respect;

1. That subsequently to the letter dated 15th March 1979 of a legal consultant on behalf of a certain Lawrence Spagnol, today deceased a requisition order number 41767 was issued on premises number 9, Alessio Erardi Street, Żabbar;

2. That the applicant company became owner of this premises by contract of the 26th May 1998 in the records of Notary Victor John Bisazza;

3. That the applicant by means of a case in the names Lawrence Attard and Disma Attard in the name and in representation of the company L & D Attard Limited vs Director of Social Allocations and by decree in the judgment of the 5th October 2001 the word Allocations was corrected by the word Accommodations and Giorgia Spagnol for any interest she may have (Writ of Summons Number 112/94NA) the applicant prayed for the derequisition order of the same and the liquidation of the damages but these demands were rejected by a judgment given on the 5th October 2001;

4. That the premises in question has been in the possession of the Director of Social Accommodation since 1979 and at no time was any form of compensation paid or offered to the applicant company;

5. That the applicant feels this is another form of temporary expropriation of land which belongs to it and thus it should be adequately compensated for this action which is keeping the applicant company from selling it to third parties.

Thus the applicant humbly prays that this Honourable Court declares and decides that its fundamental rights as amended in the first protocol of the European Convention were violated and that subsequently there be established the adequate and just compensation that shall be so liquidated in view of this requisition order number 41767 which amounts in the present case to a temporary expropriation.

Intimati: 1. .....Omissis.....

2. .....Omissis.....

3. Giorgia Spagnol, 9, Triq Alessio Erardi, Ħaż-Żabbar.

Ir-rikors hawn fuq imsemmi, Rik. Numru 25/2003 NC, jinsab differit għas-smigħ għas-16 ta' Frar 2005, fid-9.00 a.m., sabiex tiġi notifikata l-imsemmija Giorgia Spagnol.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Jannar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Respondents: 1. .....Omissis.....

2. .....Omissis.....

3. Giorgia Spagnol, 9, Alessio Erardi Street, Żabbar.

The application above mentioned, Application number 25/2003 NC, has been put off for hearing to the 16th February 2005, at 9.00 a.m., in order that the said Giorgia Spagnol be notified.

Registry of the Superior Courts, today 26th January 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

171

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Ottubru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali referenza numru 5737/2004 ippreżentata fl-1 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet Atlas Health Care Insurance Agency Limited vs Wayne Farrugia, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Wayne Farrugia, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-1 ta' Ottubru 2004, lil Wayne Farrugia ta' Oleander, Triq L. Zamenhof, Imsida, Atlas Healthcare Insurance Agency Limited in rappreżentanza tas-soċjetà estera AXA PPP Healthcare Ltd. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħhom Stephen Camilleri abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-liġi ta' 47-50, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex filwaqt li jagħmlu riferenza għall-inċident li ġara fit-3 ta' Ottubru 2002 fi Triq Nazzjonali, Pietà tinterpellak sabiex thallas is-somma ta' Lm1,455.04 rappreżentanti danni kaġunati lill-assigurat tal-mittenti, li għalihom għamlet tajjeb is-soċjetà mittenti u dan stante li l-inċident in kwistjoni ġara tort unikament tiegħek minħabba traskuraġini, imperizija, negliġenza, non-curanza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-sewqan da parte tiegħek. Tali ittra qiegħda tiġi ppreżentata wkoll ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-nuqqas milli tottempera ruħek minn din l-intima fi żmien jumejn sejrin jittieħdu proċeduri ulterjuri kontra tiegħek skond il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 26 ta' Jannar 2005.

AVV. DOTT FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 5th October 2004, in the records of the judicial letter reference number 5737/2004 filed on the 1st October 2004 in the names Atlas Health Care Insurance Agency Limited vs Wayne Farrugia, ordered the following publication for the purpose of service of Wayne Farrugia, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court Magistrates (Malta) on the 1st October 2004, against Wayne Farrugia of Oleander, L. Zamenhof Street, Msida, Atlas Healthcare Insurance Agency Limited in representation of the foreign company AXA PPP Healthcare Ltd, as subrograted in the rights of their insured Stephen Camilleri on the basis of the policy of insurance and of law of 47-50, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex whilst referring to the incident which occurred on the 3rd October 2002 in National Street, Pietà, calls upon you to pay the sum of Lm1,455.04 representing damages caused to the insured of the interpellant, for which the interpellant company made good and this because the incident in question occurred solely due to carelessness, lack of attention, negligence and non observation of the traffic regulations on your part. This letter is being filed in terms of Chapter 104 of the Laws of Malta.

Failing to abide with this calling within two days further steps according to law will be taken against you.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs.

Registry of the Magistrates Courts (Malta) today 26th January 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

172

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim' Awla permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' April 2004 fil-kawża Ċitazzjoni Numru 194⁄98 NC, Maltacom plc versus Michael Mamo, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

B'Avviż ta' kawża li reġgħet inġiebet għas-smigħ maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri l-Erbgħa 19 ta' Novembru 2003 il-kawża Ċit. Numru 194⁄1998NC, fl-ismijiet Maltacom plc vs Mamo Michael li kienet SINE DIE mit-Tlieta, 27 ta' Mejju 2003 reġgħet ġiet imqiegħda għas-smigħ għal nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru 2003 quddiem l-Onor. Imħallef Noel Cuschieri u sussegwentement differita diversi drabi u issa tinsab differita għas-smigħ għat-2 ta' Frar 2005 fid-9.00 a.m.

Konvenut: 80, Room⁄12
Triq l-Isptar,
Valletta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Jannar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 30th April 2004 in the cause Writ of Summons Number 194⁄98 NC, Maltacom plc versus Michael Mamo, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By a Notice a case which was set down again for Hearing issued by the Superior Court Registry on Wednesday 19th November 2003 the cause Writ of Summons Number 194⁄1998 NC, in the names Maltacom plc vs Mamo Michael which was SINE DIE from Tuesday, 27th May 2003 was set down again for hearing on Friday, 28th November 2003 before the Hon. Mr Justice Noel Cuschieri and subsequently put off various times and is now put off to the 2nd February 2005, at 9.00 a.m.

Defendant: 80, Room⁄12
Hospital Street,
Valletta.

Registry of the Superior Courts, today 26th January 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

173

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Novembru 2004 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Thomas Mizzi ta' 32, Juno Flat, Triq Nuzzo, il-Ħamrun ippreżenta talba fil-21 ta' Mejju 2004, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Anton Zampa ta' 34, St Lucia Street, Valletta, iħallas lill-attur is-somma ta' elfejn u mitt lira Maltija (Lm2,100) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 277/04MM) hija differita għall-31 ta' Jannar 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 20 ta' Jannar 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 29th November 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Thomas Mizzi of 32 Juno Flat, Triq Nuzzo, Hamrun, filed a Claim on the 21st May 2004, whereby he asked the Tribunal to condemn Anton Zampa of 34, St Lucia Street, Valletta, to pay the plaintiff the sum of two thousand and one hundred Maltese liri (Lm2,100) which amount is due to the plaintiff.

With costs and legal interests.

The cause (Notice Number 277/04 MM) is put off to the 31st January 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 20th January 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

174

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Ottubru 2004, fl-atti tal-kawża Zahra Vincent vs Scicluna Anthony et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Vincent u Josephine konjugi Zahra ppreżentaw ċitazzjoni fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Mejju 2003, kontra Anthony u Catherine konjugi Scicluna, fejn talbu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li bix-xogħol li sar mill-istess konvenuti fit-taraġ li jifred il-fondi msemmija, ġiet ikkawżata ħsara lill-atturi;

2. tordnahom lill-konvenuti biex jagħmlu xogħol rimedjali fi żmien li tiffissa l-istess Qorti u in mankanza li jsir dan, tawtorizza lill-atturi jagħmlu l-istess xogħol huma a spejjeż tal-konvenuti u dejjem taħt superviżjoni ta' perit nominandi;

3. tillikwida occorrendo, id-danni gia' sofferti mill-atturi bi ħtija tal-konvenuti u

4. tikkundannahom iħallsu s-somma hekk likwidata lill-atturi

bl-ispejjeż inkluż tal-mandat ta' inibizzjoni 499/03 kontra l-konvenuti, minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Konvenuti: "Casa Scicluna"
Gudja Road, Ħal Għaxaq.

Il-kawża Ċitazzjoni numru 447/2003 JRM, fl-ismijiet Zahra Vincent et vs Scicluna Anthony et, tinsab differita għad-9 ta' Marzu 2005, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Jannar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 26th October 2004, in the records of the cause Zahra Vincent vs Scicluna Anthony et, ordered the following publication for the purpose of service of Article 187 (3) of Chapter 12.

Vincent and Josephine spouses Zahra filed a writ of summons in the First Hall Civil Court on the 7th May 2003, against Anthony and Catherine spouses Scicluna, whereby they asked the defendants why this Honourable Court should not:

1. declare that by the work carried out by the same defendants in the staircase which separates the premises mentioned, damage was caused to the plaintiffs;

2. to order them to carry out remedial work within the time fixed by this Court and failing this, to authorize the plaintiffs to carry out the work themselves at the expense of the defendants and under the supervision of an architect to be appointed;

3. to liquidate if necessary, the damages suffered by the plaintiffs due to the faults of the defendants and

4. condemn them to pay the sum so liquidated to the plaintiffs

with costs including those of the warrant of prohibitory injunction 499/03 against the defendants, from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Defendants: "Casa Scicluna"
Gudja Road, Għaxaq.

The case Writ of Summons number 447/2003 JRM, in the names Zahra Vincent et vs Scicluna Anthony et, has been put off to the 9th March 2005, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 26th January 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET MIXXELLANJI
MISCELLANEOUS PUBLICATIONS

Bejtiet il-Lingwa – Aspetti tal-Lingwa fil-Folklor Malti	Lm 2.00c
Child Protection – Procedures for Schools	Lm 1.50c
Geological Maps of Malta	Lm 7.00c
Geological Maps of Gozo	Lm 5.00c
Geological Maps of Malta and Gozo	Lm10.00c
Il-Bennej	Lm 3.50c
Il-Ġaħan ta' Binġemma	Lm 2.00c
Il-Ħajja ta' Rużar Briffa – Oliver Friggieri	Lm 1.00c
Il-Miġja tal-Franċiżi f'Malta – Ktejjeb ta' Tifkira 1798-1998	Lm 1.00c
Leli ta' Ħaż-Żgħir – G. Ellul Mercer	Lm 1.00c
Santo Spirito Hospital	Lm 2.00c
Syllabus for the Primary School – Years 4,5 and 6	Lm 1.00c

PUBBLIKAZZJONIJIET STATISTIĊI
STATISTICAL PUBLICATIONS

Agriculture and Fisheries 2002 (CD Rom)	Lm 2.00c
A Window on the World of Work	Lm 2.00c
Abstract of Statistics 2000	Lm 5.00c
Benchmarking Malta in Europe	Lm 3.00c
Children	Lm 3.00c
Culture Statistics	Lm 2.00c
Demographic Review 2002	Lm 3.00c
Education Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 4.50c
Environment Statistics	Lm 4.00c
Household Budgetary Survey	Lm 8.00c
Kultura 2000 - A Survey On Cultural Participation	Lm 3.00c
Malta in Figures 2002 (CD Rom)	Lm 2.00c
National Accounts of the Maltese Islands 1999	Lm 3.00c
Shipping and Aviation Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 4.50c
Social Protection in Malta - A Statistical Analysis of Social Protection Accounting 1998 – 2002	Lm 4.00c
Social Welfare - Orientated Non-Governmental Organisations - A Statistical Profile 2001	Lm 2.00c
Sports Organisations 2000 – 2002	Lm 3.00c
Survey on ICT Usage in Households 2002	Lm 2.00c
Trade Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 5.00c
Transport Statistics 2004 (CD Rom)	Lm 2.00c

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2003 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Acts of Parliament passed during 2003 (in print form)	Lm 8.00c
Annual Reports of Government Departments – 2003	Lm 7.00c
A Public Service for the 21st Century - White Paper on a Public Service Act	Lm 1.00c
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	Lm 1.00c
Code of Ethics for Members of the Judiciary	Lm 1.00c
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80c
Cultural Policy in Malta – A Discussion Document	Lm 3.00c
Diskors tal-*Budget* 2005	Lm 1.00c
Economic Survey January - September 2004	Lm 2.00c
Electoral Register, October 2004	Lm10.40c
Electoral Register, Local Councils, October 2004	Lm31.18c
Estimates 2005	Lm 2.00c
Financial Report 2003	Lm 2.50c
Government of Malta Staff List as at 1st April 2000	Lm 7.00c
Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements	Lm 1.40c
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	50c
Il-Politika Kuturali f'Malta – Dokument għad-Diskussjoni	Lm 3.00c
Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq	Lm 1.00c
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	Lm 1.00c
Legal Notices 2003 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni	Lm 1.00c
National Broadcasting Policy	no charge
National Curriculum on its Way – Proceedings	Lm 2.40c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	25c
Performance Audit – Acquisition of Property by Government – Report by the Auditor General	Lm 1.75c
Performance Audit – Department of Consumer Affairs	Lm 1.00c
Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section	Lm 1.50c
Performance Audit – Government Transport	Lm 1.50c
Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division	Lm 1.75c
Performance Audit – Licensing and Testing Department	Lm 1.50c
Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites	Lm 1.50c
Performance Audit – Managing Procurement – Road Construction and Restoration Projects	Lm 1.75c
Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports	Lm 1.50c
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00c
Performance Audit – School Transport System – Education Division	Lm 1.50c
Portfolio Assessments	Lm 4.00c
Report of the Auditor General – Public Accounts 2002	Lm 2.50c
Servizz Pubbliku għas-Seklu 21 - White Paper dwar Att għas-Servizz Pubbliku	Lm 1.00c
Subsidiary Legislation for the Year 2003	Lm20.00c
The Highway Code	Lm 1.00c
The Press Act	50c
The Registers of the Medical Council (Malta) 2003	Lm 3.00c
White Paper fuq il-Privatizzazzjoni	50c
White Paper – Pensions Adequate & Sustainable (in print form)	Lm 4.00c
White Paper – Pensions Adequate & Sustainable on compact disc (CD)	Lm 4.00c
Work and Activities of the National Audit Office 2003	Lm 1.00c

---

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*